

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10630/26

CDR 110

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-
Repubblika tal-Estonja, fil-Komitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li taħtar membru supplenti,
propost mir-Repubblika tal-Estonja,
fil-Kumitat tar-Regġuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Estonjan,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoral ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-24 ta' Frar 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2026/494² li taħtar żewġ membri u erba' membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Katrin KRAUSE, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, il-Gvern Estonjan ippropona, lis-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Ħarku Vallavolikogu liige* (membru tal-Kunsill Muniċipali Rurali ta' Ħarku), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/494 tal-24 ta' Frar 2026 li taħtar żewġ membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L, 2026/494, 3.3.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2026/494/oj>).

Artikolu 1

Abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, is-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettoral, *Ħarku Vallavolikogu liige* (membru tal-Kunsill Muniċipali Rurali ta' Ħarku), hija b'dan maħtura bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
